


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Assikurazzjoni Tal-assi Waqt Klejm Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Croatia](#)

# Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

 Il-Kroazja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

L-Att dwar l-Infurzar (*Ovršni zakon*) ((Narodne novine (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nri 112/12, 25/13, 93/14, 55/16, 73/17 u 131/20; minn hawn 'il quddiem: OZ) jistabbilixxi l-miżuri li għejjin fit-tielet Artikolu intitolat: Garanzija (*Osiguranje*):

- garanzija permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' dritt ta' rahan fuq proprjetà immobbli – it-titolu 28,
- garanzija ġudizzjarja u notarili permezz ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim tal-partijiet – it-titolu 29,
- garanzija ġudizzjarja u notarili permezz ta' trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u trasferiment tad-drittijiet – it-titolu 30,
- garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari – it-titolu 31,
- garanzija permezz ta' miżuri preliminari – it-titolu 32,
- miżuri interim – it-titolu 31.

F'konformità mal-OZ, huma biss il-miżuri ddefiniti bħala tali minn dak l-Att jew minn Att ieħor li jistgħu jiġu imposti bħala miżuri ta' sigurtà. Ma humiex permessi miżuri ta' sigurtà fuq oġġetti u drittijiet li, skont l-OZ, ma jistgħux ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni, ħliet jekk ikun previst mod ieħor minn dak l-Att.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Bħala miżura (fit-tul) għall-garanzija obligatorja tal-pretensjonijiet, l-OZ jippermetti l-garanzija permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli u l-beni mobbli (eż. pretensjonijiet monetarji (jiġifieri pretensjonijiet fuq flus), parti mill-introjt – is-salarju, il-pensjoni, eċċ., kont bankarju, titoli u ishma) u l-garanzija permezz ta' trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet. Il-garanzija permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan (dritt ta' rahan t'fisser li l-assi ta' parti jinżammu sakemm tiġi saldata pretensjoni kontribom) tista' tkun volontarja jew obligatorja, filwaqt li l-garanzija permezz tat-trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet tista' tkun biss volontarja, fi proċedimenti quddiem qorti jew nutar pubbliku.

Miżuri oħrajn irregolati mill-OZ huma garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari, garanzija permezz ta' miżuri preliminari u miżuri interim. Qorti biss tista' tagħmel dawn il-miżuri obligatorji, jew fuq talba ta' parti jew ex officio (jiġifieri fuq inizjattiva proprja).

Il-qrati muniċipali (*općinski sudovi*) huma kompetenti sabiex jordnaw u jimplimentaw garanzija, sakemm dan il-kompitu ma jkunx għe fdat lil xi qorti oħra skont il-liġi, filwaqt li l-qrati kummerċjali (*trgovački sudovi*) huma kompetenti sabiex jordnaw u jimplimentaw garanzija f'kawżi fejn ikunu kompetenti sabiex jordnaw l-eżekuzzjoni.

Il-ġuriżdiżjoni sabiex tiġi ordnata u implimentata garanzija ex officio tinsab f'idejn il-qorti b'ġuriżdiżjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjoni tar-rikorrent, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.

Il-ġuriżdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjonijiet - u biex timplimenta s-sentenzi - għall-garanzija ta' pretensjonijiet monetarji permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' drittijiet ta' rahan fuq proprjetà immobbli tinsab f'idejn il-qorti li żżomm ir-reġistru tal-artijiet rilevanti, jiġifieri dak li fih għandu jsir l-insinwar abbażi tad-dokument eżegwibbli li jiddetermina l-pretensjoni monetarja. L-iskop li tiġi ordnata din il-miżura huwa li tiġi garantita l-pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli permezz tal-insinwar. L-effett tal-insinwar ta' rahan huwa tali li l-eżekuzzjoni fuq din il-proprjetà immobbli tista' titwettaq ukoll kontra terzi li sussegwentement jakkwistaw din il-proprjetà immobbli.

Il-qorti tista' tordna l-garanzija ġudizzjarja ta' pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-partijiet fuq it-talba konġunta tar-rikorrent u l-intimat għal ċerti oġġetti sabiex tiġi garantita l-pretensjoni monetarja. Il-qorti b'ġuriżdizzjoni territorjali biex tiġi għodika dwar mozzjonijiet sabiex jiġu garantiti l-pretensjonijiet monetarji tar-rikorrent fuq l-oġġetti u d-drittijiet tal-intimat u għall-implimentazzjoni tal-garanzija tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tal-OZ li jindirizzaw il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qorti fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni għall-ġbir ta' pretensjonijiet monetarji (fuq tipi individwali ta' oġġetti ta' eżekuzzjoni). Il-verbal tal-qorti jirreġistra l-ftehim tal-partijiet dwar l-eżistenza ta' pretensjoni u ż-żmien tal-maturità tagħha, u l-ftehim tagħhom li din il-pretensjoni għandha tiġi garantita permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan. Il-ftehim iffirmat għandu l-effett ta' soluzzjoni bil-qorti.

Il-garanzija notarili ta' pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-partijiet hija possibbli permezz ta' ftehim bejn kreditur u debitur. Dak il-ftehim jista' jkun fil-forma ta' dokument notarili jew ta' dokument privat legalizzat, li jkun fih ukoll dikjarazzjoni mid-debitur li jista' jinħoloq rahan fuq xi oġġett minn tiegħu.

Il-garanzija ġudizzjarja permezz tat-trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet hija possibbli abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet dwar it-trasferiment tas-sjeda (ta' wħud mill-oġġetti tal-intimat lir-rikorrent sabiex tiġi garantita l-pretensjoni monetarja speċifika ta' rikorrent) jew it-trasferiment ta' wħud mid-drittijiet tal-intimat (lir-rikorrent għall-istess skop), li jiddaħħal fil-verbal tas-seduta. Il-pretensjonijiet futuri jistgħu jiġu garantiti wkoll. Il-ftehim għandu l-effett ta' soluzzjoni bil-qorti. Il-qorti b'ġuriżdizzjoni *ratione loci* għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet sabiex jiġu garantiti l-pretensjonijiet monetarji permezz tat-trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u t-trasferiment tad-drittijiet tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tal-OZ dwar il-ġuriżdizzjoni *ratione loci* tal-qorti fi proċedimenti tal-eżekuzzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet monetarji fuq tipi individwali ta' oġġetti ta' eżekuzzjoni.

Il-garanzija notarili permezz tat-trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet, jiġifieri t-trasferiment ta' ishma, persentaġġi jew parteċipazzjoni huwa possibbli abbażi ta' ftehim bejn il-kreditur u d-debitur, magħmul fil-forma ta' dokument notarili jew dokument privat legalizzat. Ir-regoli dwar l-uffiċċju reġistrat u t-territorju tan-nutara pubbliċi jiddeterminaw jekk nutar pubbliku jkunx awtorizzat iwettaq azzjonijiet individwali ta' garanzija.

Il-ġuriżdizzjoni *ratione loci* għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-eżekuzzjoni preliminari u għall-implimentazzjoni ta' tali eżekuzzjoni hija tal-qorti li kien ikollha ġuriżdizzjoni għall-eżekuzzjoni abbażi ta' dokument ta' titolu eżekuttiv. Il-garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari tiġi ordnata u implimentata minn qorti. Abbażi ta' sentenza mogħtija fi proċeduri ta' qorti ċivili, il-qorti tordna eżekuzzjoni preliminari sabiex tiggarantixxi pretensjoni mhux monetarja li ma tistax tiġi garantita permezz ta' insinwazzjoni preliminari fir-reġistru pubbliku jekk il-kreditur tal-eżekuzzjoni juri li hemm riskju probabbli, minħabba d-differiment tal-eżekuzzjoni sakemm is-sentenza ssir legalment effettiva, li l-eżekuzzjoni ssir impossibbli jew ferm aktar diffiċli u jekk il-kreditur tal-eżekuzzjoni jipprovd i garanzija għad-dannu li jista' jġarrab id-debitur tal-eżekuzzjoni minħabba tali eżekuzzjoni.

Il-ġuriżdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri preliminari u għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri hija tal-qorti li kien ikollha ġuriżdizzjoni għall-eżekuzzjoni abbażi ta' titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu tkun ġiet proposta l-garanzija. It-test sabiex jiġi ddeterminat jekk jistgħux jiġu ordnati miżuri preliminari huwa bbażat fuq jekk ir-rikorrent jurix li hemm riskju probabbli li, mingħajr dawn il-miżuri, l-issodisfar tal-pretensjoni jkun impossibbli jew ferm aktar diffiċli. F'ċerti kawżi, il-qorti tista' tikkundizzjona l-miżura preliminari fuq l-għoti ta' garanzija għad-dannu li l-intimat jista' jġarrab minħabba l-ordni tagħha. Deċiżjoni motivata li tordna miżura preliminari trid tinkludi indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni li tkun qed tiġi garantita, inklużi l-imgħax u l-ispejjeż, il-miżura użata sabiex tiġi garantita l-pretensjoni u ż-żmien li għalih tkun qed tiġi ordnata (mhux aktar minn 50-il jum wara li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni).

Qabel jinfetħu proċedimenti ċivili jew kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji oħrajn fuq pretensjoni li tkun qed tiġi ggarantita, il-ġuriżdizzjoni *ratione loci* għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri interim hija tal-qorti li altrimenti kien ikollha ġuriżdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjonijiet għall-eżekuzzjoni. Il-ġuriżdizzjoni territorjali għall-implimentazzjoni ta' miżuri interim tinsab f'idejn il-qorti li altrimenti kien ikollha ġuriżdizzjoni sabiex timplimenta l-eżekuzzjoni. Wara li jiġu istitwiti l-proċedimenti, il-ġuriżdizzjoni għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri interim hija tal-qorti li l-proċedimenti ġew istitwiti quddiemha. Meta tkun ġustifikata miċ-ċirkostanzi ta' kawża individwali, tista' titressaq ukoll mozzjoni quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni *ratione loci* sabiex twettaq l-eżekuzzjoni. Il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar rikors għal eżekuzzjoni abbażi ta' titolu eżekuttiv prodott fi proċedimenti amministrattivi għandha wkoll ġuriżdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar mozzjonijiet sabiex tordna miżuri *interim* wara t-terminazzjoni ta' tali proċedimenti. Il-miżuri *interim* jiġu ordnati mill-qorti abbażi ta' rikors ippreżentat qabel ma jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi jew matulhom u wara li jintemmu dawn il-proċedimenti, sakemm titwettaq l-eżekuzzjoni. Id-deċiżjonijiet dwar l-ordni ta' miżuri interim għandhom l-awtorità ta' mandat ta' eżekuzzjoni. It-tipi ta' miżuri *interim* jiddependu mill-fatt jekk il-miżura *interim* tiggarantix pretensjoni monetarja jew mhux monetarja. Il-qorti tista' tordna diversi miżuri *interim*, jekk ikun meħtieġ, skont iċ-ċirkostanzi tal-kawża.

Il-gravami, id-drittijiet jew il-projbizzjonijiet fuq il-beni mobbli, l-ishma, il-perċentwali jew il-parteciġazzjonijiet jiġu insinwati, abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti, ta' dokument notarili jew ta' dokument privat legalizzat, fir-Reġistru tal-pretensjonijiet tal-kredituri soġġetti għal garanzija tal-qorti u notarili (Reġistru tal-irhna) (*Upisnik založnih prava*) li jinżamm fl-Aġenzija Finanzjarja, li huwa bażi ta' *data* unika tal-gravami, tad-drittijiet jew tal-projbizzjonijiet, filwaqt li l-insinwar ta' irhna jew ta' bidliet fid-drittijiet tal-proprjetà għal proprjetà immobbli jiġi rreġistrat permezz ta' insinwar fir-reġistri tal-artijiet.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Meta tordna garanzija permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' dritt ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli, il-qorti tiddeċiedi dwar mozzjoni sabiex tiggarantixxi pretensjonijiet monetarji abbażi tat-titolu eżekuttiv li f'konformità miegħu ġiet stabbilita l-pretensjoni monetarja. Ma jeżisti ebda rekwiżit speċjali sabiex tiġi ordnata l-garanzija u, abbażi tal-mozzjoni, il-qorti tordna l-garanzija u ddaħħal dritt ta' rahan tar-rikorrent fuq il-proprjetà immobbli fir-reġistru tal-artijiet, filwaqt li tindika l-eżegwibilità tal-pretensjoni. Jekk l-intimat ma jiddaħħalx fir-reġistru tal-artijiet bħala s-sid tal-proprjetà immobbli, ir-rikorrent ikun obligat jippreżenta, flimkien mal-mozzjoni, dokument li jkun addattat għad-dħul tad-dritt ta' sjieda tal-intimat.

Ir-rikorrent u l-intimat jistgħu, għall-fini li jipprovdu garanzija għal pretensjoni monetarja ta' rikorrent billi jiksbu rahan fuq ċerti oġġetti ta' garanzija, jitolbu b'mod kunsenswali lill-qorti sabiex tordna u timplimenta, għall-benefiċċju tar-rikorrent, pereżempju, ir-reġistrazzjoni ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli, fuq beni mobbli, fuq pretensjoni monetarja u fuq oġġetti u drittijiet oħrajn tal-intimat, jew inkella jistgħu jilħqu ftehim bħal dan fil-forma ta' dokument notarili jew dokument privat legalizzat, inkluża dikjarazzjoni ta' qbil mid-debitur li jista' jinħoloq rahan fuq xi oġġett minn tiegħu. Ir-rekord ġudizzjarju ffirmat, id-dokument notarili jew id-dokument privat legalizzat għandu l-awtorità ta' soluzzjoni bil-qorti kontra l-persuna li tkun qabliet li jinħoloq rahan fuq l-oġġett jew fuq id-dritt tagħha. Bl-għan li tinġabar pretensjoni garantita, dawn id-dokumenti jistgħu jintużaw sabiex tiġi proposta direttament eżekuzzjoni kontra parti terza fir-rigward tal-oġġett li fuqu nkiseb rahan bl-għan li tiġi ggarnatita pretensjoni.

Il-partijiet jistgħu b'mod konġunt jitolbu lill-qorti sabiex iddaħħal fil-verbal tas-seduta il-ftehim tagħhom dwar it-trasferiment tas-sjieda ta' wieħed mill-oġġetti tal-intimat lir-rikorrent bl-iskop li tiġi ggarantita l-pretensjoni monetarja partikolari tar-rikorrent, jew dwar it-trasferiment ta' dritt speċifiku mill-intimat lir-rikorrent għal dak l-iskop. Il-pretensjonijiet futuri jistgħu jiġu garantiti wkoll. Ftehim bħal dan jista' jiġi ffirmat bħala dokument notarili jew dokument privat legalizzat. Il-ftehim għandu jkun fih dispożizzjoni li tiddikjara meta timmatura l-pretensjoni garantita u kif dan jiġi ddeterminat. L-intimat jista' jkun ukoll persuna li kontrihha r-rikorrent ma jkollux pretensjoni li tkun qed tiġi ggarantita, jiġifieri parti terza li tagħti l-kunsens għal dan il-mod ta' garanzija ta' pretensjoni. Il-ftehim jista' japplika wkoll għall-garanzija ta' pretensjonijiet mhux monetarji; madankollu, f'dan il-każ, il-ftehim irid jispeċifika l-valur monetarju tal-pretensjoni. Il-pretensjoni għandha tkun speċifikata jew tista' tiġi ddefinita. Ma' ftehim tista' tiżdied ukoll dikjarazzjoni tal-kunsens mill-intimat li, skont il-verbal, tippermetti lir-rikorrent jitlob direttament eżekuzzjoni kontrih għaċ-ċediment tal-oġġett tal-garanzija wara l-maturità tal-pretensjoni garantita. Il-verbal li jkun fih tali dikjarazzjoni jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Meta s-sjieda ta' proprjetà immobbli insinwata fir-reġistru tal-artijiet tiġi ttrasferita permezz tal-ftehim, dan il-ftehim għandu jkun fih id-dikjarazzjoni ta' kunsens tal-intimat li t-trasferiment jista' jiġi eżegwit direttament fir-reġistru tal-artijiet abbażi

tal-ftehim u li d-dħul fir-reġistru tal-artijiet jittrasferixxi s-sjieda tal-proprjetà immobbli lir-rikorrent, b'nota li t-trasferiment twettaq bl-iskop li tiġi garantita pretensjoni speċifika tar-rikorrent. Ħlief meta jkun previst mod ieħor, l-intimat huwa awtorizzat li jkompli juża l-oġġett li s-sjieda tiegħu tkun ġiet ittrasferita lir-rikorrent, jiġifieri jeżerċita d-dritt ittrasferit lir-rikorrent, filwaqt li r-rikorrent huwa awtorizzat li jbigħ il-proprjetà jew id-dritt ittrasferit lilu mal-maturità tal-pretensjoni tiegħu, jew inkella li jagħmel tajjeb għall-proprjetà immobbli b'ipoteka.

Il-garanzija permezz ta' miżura preliminari tista' tiġi ordnata sabiex jiġu ggarantiti pretensjonijiet monetarji abbażi ta' deċiżjoni ta' qorti jew korp amministrattiv li tkun għadha ma saritx legalment effettiva, abbażi ta' ftehim quddiem qorti jew korp amministrattiv, jekk il-pretensjoni ddeterminata fih tkun għadha ma mmaturatx, jew abbażi ta' deċiżjoni notarili jew dokument notarili, jekk il-pretensjoni ddeterminata fihom tkun għadha ma mmaturatx. Fuq il-bażi ta' dawn id-dokumenti, il-qorti tordna miżura preliminari jekk ir-rikorrent juri li huwa probabbli r-riskju li l-irkupru tal-pretensjoni jsir impossibbli jew ferm aktar diffiċli jekk ma tkunx garantita. Ir-riskju jitqies probabbli jekk l-ordni ta' miżura preliminari tkun ġiet proposta abbażi ta' ordni ta' ħlas jew mandat ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dokument awtentiku maħruġ skont dokument pubbliku jew dokument legalizzat minn nutar pubbliku, kambjala jew ċekk, li kontriha tkun tqajmet oġġezzjoni fi żmien debitu; sentenza mill-huqa fi proċedimenti kriminali dwar pretensjoni tal-liġi tal-proprjetà li kontriha jista' jsir sħarriġ; deċiżjoni li trid tiġi eżegwita barra mill-pajjiż; sentenza fuq il-bażi ta' ammissjoni li kontriha jkun ġie ppreżentat appell; soluzzjoni konklużiva quddiem qorti jew awtorità amministrattiva, jekk it-talba stabbilita fiha tkun għadha ma mmaturatx, li tkun qed tiġi kkontestata bil-mod previst mil-liġi; deċiżjoni jew dokument notarili, jekk it-talba stabbilita fih tkun għadha ma mmaturatx, li tkun qed tiġi kkontestata bil-mod previst mil-liġi. Il-qorti tiċħad il-mozzjoni għall-garanzija b'miżura preliminari, jiġifieri tirrevoka miżura preliminari speċifika u tissospendi l-proċedimenti, jekk l-intimat juri li huwa probabbli li ma hemm ebda riskju jew li tali riskju ntemm.

Il-garanzija permezz ta' miżura *interim* tista' tiġi proposta qabel il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jew matulhom u wara t-terminazzjoni ta' dawn il-proċedimenti sakemm titwettaq l-eżekuzzjoni. F'mozzjoni li tordna miżura *interim*, ir-rikorrent jeftieglu jressaq talba li fiha għandu jindika preċiżament il-pretensjoni li jixtieq jiggerantixxi, jiddetermina t-tip ta' miżura li jkun qed ifittex u d-durata tagħha u, meta jkunu neċessarji, il-mezzi tal-garanzija li permezz tagħhom il-miżura *interim* għandha tiġi eżegwita b'mod obbligatorju, kif ukoll l-oġġett tal-garanzija. Il-mozzjoni jrid ikun fiha indikazzjoni tal-fatti li t-talba tkun ibbażata fuqhom sabiex tiġi ordnata miżura *interim* u jkun fiha evidenza li tikkorrobora dawn id-dikjarazzjonijiet. Ir-rikorrent huwa obligat jehmeż din l-evidenza mal-mozzjoni, jekk ikun possibbli. Tista' tiġi ordnata miżura *interim* sabiex tiggerantixxi pretensjonijiet kundizzjonali u li ma mmaturawx, iżda din ma tkunx permessa jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet sabiex tiġi ordnata miżura preliminari li permezz tagħha jkun jista' jintlaħaq l-istess effett ta' garanzija. Tista' tiġi ordnata miżura *interim* sabiex tiggerantixxi pretensjoni monetarja jekk ir-rikorrent juri li huma probabbli l-eżistenza tal-pretensjoni u r-riskju li mingħajr miżura bħal din id-debitur jimpedixxi, jew jagħmel ferm aktar diffiċli, il-ġbir tal-pretensjoni billi jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu, jaħbiha jew jiddisponi minnha b'xi mod ieħor. Rikorrent ma għandux bżonn jġib prova ta' riskju jekk huwa juri li huwa probabbli li l-intimat ikun se jġarrab biss dannu insinifikanti mill-miżura proposta; jitqies li r-riskju jkun intwera jekk il-pretensjoni jkollha tiġi eżegwita barra mill-pajjiż. Sabiex tiġi garantita pretensjoni mhux monetarja, tista' tiġi ordnata miżura *interim* jekk ir-rikorrent juri li l-eżistenza tal-pretensjoni tiegħu hija probabbli u jekk huwa juri li huwa probabbli r-riskju li, mingħajr din il-miżura, l-intimat se jimpedixxi jew jagħmel ferm aktar diffiċli l-eżekuzzjoni tal-pretensjoni, b'mod partikolari billi jbidel is-sitwazzjoni attwali, jew jekk juri li l-miżura probabbilment tkun neċessarja sabiex tiġi evitata l-vjolenza jew l-okkorrenza ta' ħsara irreparabbli. Barra minn hekk, rikorrent ma għandux bżonn jġib prova li jkun hemm riskju jekk juri li jkun probabbli li l-intimat ikun se jġarrab biss dannu insinifikanti mill-miżura proposta; jitqies li r-riskju jkun intwera jekk il-pretensjoni tkun trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż. Il-qorti tista' tordna miżura *interim* wara proposta tar-rikorrent anke meta huwa ma jkunx wera li hija probabbli l-eżistenza ta' pretensjoni u tar-riskju, jekk qabel ikun ipprovdva, f'limitu ta' żmien stabbilit mill-qorti, garanzija għad-dannu li l-intimat jista' jġarrab mill-ordni u l-implimentazzjoni ta' miżura *interim*. Jekk ir-rikorrent ma jipprovdix id-depożitu tal-garanzija fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-qorti għandha tiċħad il-mozzjoni għall-garanzija. Fid-dawl ta' ċirkostanzi tal-kawża, il-qorti tista' tordna diversi miżuri *interim*, jekk dawn ikunu neċessarji; jekk, f'kawża partikolari, ikun possibbli li jiġu ordnati diversi miżuri *interim*, il-qorti tordna dik li tkun l-aktar xierqa sabiex jintlaħaq l-iskop tal-garanzija (u jekk kollha jkunu ugwalment xierqa, il-qorti tordna dik li tkun l-anqas oneruża għall-intimat).

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Is-suġġett tal-miżuri ta' garanzija u tal-miżuri *interim* jista' jkun oġġett jew dritt tad-debitur, pereżempju, proprjetà immobbli, beni mobbli, pretensjonijiet monetarji relatati mas-salarju, pensjonijiet, benefiċċji tad-diżabilità, depożiti ta' flus f'kontijiet tal-bank jew kontijiet tat-tfaddil u drittijiet ta' proprjetà oħrajn, dment li ma jkunux oġġetti eżentati mill-eżekuzzjoni skont il-liġi jew ma jkun hemm ebda dritt legalment ristrett għall-eżekuzzjoni fuq l-oġġetti kkonċernati (pereżempju, oġġetti li ma humiex fiċ-ċirkolazzjoni, raba' u bini ta' farms tal-bdiewa sal-limitu meħtieġ għas-sussistenza tagħhom u għas-sussistenza tal-membri tal-familja immedjati u ta' persuni oħrajn li legalment jeħtieġu appoġġ, eċċ.)

Meta pretensjoni pekunjarja tkun iggarantita bid-dħul ta' dritt obligatorju ta' rahan fuq proprjetà immobbli mdaħħla fir-reġistru tal-artijiet, il-qorti tiċħad talba għall-eżekuzzjoni jekk l-eżekuzzjoni tintalab sabiex tintlaħaq soluzzjoni għal pretensjoni garantita li bħala kapital tkun ta' EUR 5 300,00, jew anqas, irrISPETTIVAMENT min-nota dwar l-eżegwibbiltà tat-talba fir-reġistri tal-artijiet u f'rekords pubbliċi oħrajn.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Il-garanzija tal-proprjetà immobbli permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan (volontarju jew obligatorju, ġudizzjarju jew notarili) titwettaq permezz tad-dħul tar-raham fir-reġistru tal-artijiet, li fih tiġi rreġistrata l-proprjetà immobbli.

Permezz ta' garanzija notarili u ġudizzjarja li tinvolvi t-trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet, ir-rikorrent isir is-sid ta' oġġett jew ta' dritt permezz ta' entrata fil-kotba jew fir-reġistri pubbliċi legalment meħtieġa. Ir-rikorrent u l-intimat jistgħu, bl-iskop li jipprovdu garanzija għal pretensjoni monetarja tar-rikorrent billi jiksbu rahan fuq ċerti oġġetti ta' garanzija, jitolbu b'mod kunsenswali lill-qorti sabiex tordna u timplimenta, għall-benefiċċju tar-rikorrent:

ir-reġistrazzjoni ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli u beni mobbli tal-konvenut, id-depożitu fil-qorti tar-reġistru tal-artijiet ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-istabbiliment tad-dritt ta' rahan fuq proprjetà immobbli mhux imdaħħla fir-reġistri tal-artijiet, jew l-istabbiliment ta' rahan fuq titoli u ishma. Dan il-mezz ta' garanzija ta' pretensjoni jagħti lir-rikorrent (kreditur) id-dritt li jsalda pretensjonijiet bl-użu ta' oġġett iggarantit b'raham, ladarba l-perjodu ta' limitazzjoni jkun skada.

Garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari: sabiex jiġi pprovdut titolu għal eżekuzzjoni mhux monetarju li ma jistax jiġi garantit permezz ta' reġistrazzjoni kundizzjonali fi ktieb pubbliku, il-qorti tista' tordna eżekuzzjoni preliminari abbażi ta' sentenza mogħtija fi proċedimenti ċivili.

Il-miżura preliminari ta' projbizzjoni għal bank milli jħallas lill-konvenut jew lil parti terza, fuq talba tal-konvenut, ammont mill-kont tagħhom li għalih tkun ġiet ordnata miżura preliminari, jew l-istabbiliment ta' rahan fuq il-pretensjoni monetarja tal-konvenut, tiżgura li l-ammont tal-flus tal-konvenut miżmuma fil-bank ma jkunx jista' jiġi ttrasferit lil parti terza għad-durata tal-projbizzjoni, ħlief biex titħallas il-pretensjoni garantita.

#### Miżuri interim

- Għall-fini tal-garanzija ta' pretensjoni monetarja, tista' tiġi ordnata kwalunkwe miżura li tilħaq dak l-iskop u, speċifikament, miżura minn fost dawn li ġejjin:

1. li tipprojbixxi lill-intimat milli jittrasferixxi t-titolu tal-beni mobbli jew jaggravahom, sabiex dawn l-oġġetti jiġu kkonfiskati u fdati lir-rikorrent jew lil parti terza għall-kustodja;
2. li tikkonfiska u tiddepożita flus, titoli u oġġetti simili ma' qorti jew ma' nutar pubbliku;
3. li tipprojbixxi lill-intimat milli jittrasferixxi t-titolu ta', jew jaggrava, proprjetà immobbli jew drittijiet *in rem* li huma rreġistrati fuq il-proprjetà immobbli favurih, u li tiġi insinwata nota ta' din il-projbizzjoni fir-reġistru tal-artijiet;
4. li tipprojbixxi lid-debitur tal-intimat milli jissodisfa l-obbligu tiegħu lill-intimat volontarjament u li tipprojbixxi lill-intimat milli jirċievi l-issodisfar ta' dan l-obbligu, jiġifieri li jiddisponi mill-pretensjonijiet tiegħu;
5. li tordna lil bank jirrifjuta pagament mill-kont tal-intimat lill-intimat jew lil parti terza, fuq talba tal-intimat, fl-ammont li għalih tkun ġiet ordnata l-miżura *interim*.

- Għall-fini tal-garanzija ta' pretensjoni mhux monetarja, tista' tiġi ordnata kwalunkwe miżura li tilħaq dak l-iskop

u, speċifikament, miżura minn fost dawn li ġejjin:

1. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami tal-beni mobbli li kontra tagħhom tkun indirizzata l-pretensjoni, il-konfiska tagħhom u l-inkarigu tagħhom għal kustodja lir-rikorrent jew lil parti terza;
2. li tipprojbixxi t-trasferiment u l-irbit ta' ishma, ishma jew interessi parteċipanti li t-talba hija diretta kontrihom, u li ddaħħal nota ta' din il-projbizzjoni fir-reġistru tal-ishma jew l-interessi parteċipanti u, fejn meħtieġ, fil-minuti tal-qorti; li tipprojbixxi l-użu jew l-eżerċizzju ta' drittijiet abbażi ta' tali ishma jew interessi parteċipanti; li tafda ishma jew interessi parteċipanti għall-immaniġġjar ta' parti terza; li tistabbilixxi bord ta' ġestjoni interim f'kumpanija;
3. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami ta' drittijiet oħrajn li l-pretensjoni tkun indirizzata kontrihom u li tafda l-immaniġġjar ta' dawn id-drittijiet lil parti terza;
4. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami tal-proprjetà immobbli li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriha jew tad-drittijiet *in rem* irreġistrati fuq il-proprjetà immobbli li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriha, u li tiddaħħal nota tal-projbizzjoni fir-reġistru tal-artijiet; li tiġi kkonfiskata l-proprjetà immobbli u tiġi fdata lir-rikorrent jew lil parti terza għall-kustodja;
5. li tipprojbixxi lil debitur tal-intimat milli jċedi oġġett, jitransferixxi dritt jew iwettaq kwalunkwe obligu mhux monetarju ieħor li l-pretensjoni tkun indirizzata kontrih lill-intimat;
6. li tipprojbixxi lill-intimat milli jwettaq kwalunkwe azzjoni li tista' tikkawża dannu lir-rikorrent u li tipprojbixxi kwalunkwe bidla fl-oġġetti li l-pretensjoni tkun indirizzata kontrihom;
7. li tordna lill-intimat iwettaq ċerti azzjonijiet meħtieġa sabiex jippreserva l-beni mobbli jew il-proprjetà immobbli jew jippreserva l-istat attwali tal-oġġetti;
8. li tawtorizza lir-rikorrent sabiex iżomm l-oġġetti tal-intimat miżmumin mir-rikorrent u li l-pretensjoni tirreferi għalihom sakemm tiġi riżolta l-litigazzjoni;
9. li tawtorizza lir-rikorrent sabiex iwettaq ċerti azzjonijiet jew jikseb ċerti oġġetti waħdu jew bi prokura, speċjalment bl-iskop li jerġa' jinkiseb l-istat preċedenti tal-affarijiet;
10. li impjegat jirritorna b' mod temporanju għax-xogħol; li jiġihallas kumpens waqt tilwima fuq ix-xogħol, jekk dan ikun neċessarju għall-manteniment tiegħu u għall-manteniment tal-persuni li huwa obligat li jmantni skont il-liġi.

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Bħala regola ġenerali, il-garanzija ġudizzjarja u notarili permezz ta' rahan jew permezz ta' trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u trasferiment tad-drittijiet huma validi sal-konklużjoni finali tal-proċedura.

Deċiżjoni li tordna miżura preliminari trid tinkludi indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni li tiġi garantita, inklużi l-imgħax u l-ispejjeż, il-miżura użata sabiex tiġi garantita l-pretensjoni u l-perjodu taż-żmien li qed tiġi ordnata għalih. Dan il-perjodu ta' żmien ma jistax idum aktar minn 15-il jum wara li jkun għew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni. Jekk dan jgħaddi qabel ma d-deċiżjoni, li abbażi tagħha ġiet ordnata l-miżura preliminari, issir eżekutorja, il-qorti - fuq il-bażi ta' talba tar-rikorrent ippreżentata quddiem il-qorti qabel l-iskadenza tal-perjodu li l-miżura preliminari tkun ġiet ordnata għalih - tista' testendih, dment li ma jkunux inbidlu ċ-ċirkostanzi li fihom kienet ordnata din il-miżura.

Id-deċiżjoni li permezz tagħha tiġi ordnata miżura *interim* tispeċifika wkoll id-durata ta' din il-miżura u, jekk il-miżura tiġi ordnata qabel ma tkun tressqet azzjoni jew ma jkun infetaħ xi proċediment ieħor, hija tiddefinixxi wkoll il-limitu ta' żmien li matulu r-rikorrent jeħtieġu jressaq azzjoni, jiġifieri jippreżenta mozzjoni sabiex jinbdew proċedimenti oħrajn, bl-għan li tiġi ġġustifikata l-miżura. Fuq it-talba tar-rikorrent, il-qorti testendi d-durata tal-miżura *interim*, dment li ma jkunux inbidlu ċ-ċirkostanzi li fihom kienet ordnata l-miżura.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Jista' jiġi ppreżentat appell kontra deċiżjoni fil-prim'istanza fi żmien tmint ijiem mill-jum li fih tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni fil-prim'istanza, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-OZ. Bħala regola, appell ma jipposponix l-eżegwibilità ta' sentenza. Qorti tal-appell tiddeċiedi dwar l-appell.

Appell kontra deċiżjoni dwar mozzjoni sabiex tinħareġ miżura interim ma jintbagħatx lill-parti opposta għal risposta, u l-qorti tal-appell tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-appell fi żmien tletin jum minn meta tirċevih.

Ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju disponibbli kontra dokument notarili jew dokument privat legalizzat, iżda debitur jista' jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu kontra garanzija notarili f'litigazzjoni speċjali li fiha jikkontesta l-

ftehimiet. Il-partijiet terzi jistgħu jressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom kontra garanzija notarili fi proċedura quddiem il-qorti f'konformità mar-regoli li japplikaw għall-oġġezzjonijiet kontra garanzija ġudizzjarja.

Stħarriġ ġudizzjarju fi proċedimenti dwar garanzija huwa permess biss jekk is-sentenza mogħtija fis-sekond'istanza tkun tiddependi fuq is-soluzzjoni ta' materja proċedurali jew sostantiva importanti għall-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-liġi u għall-ugwaljanza tal-partijiet kollha fl-applikazzjoni tagħha, f'konformità mar-regoli tal-litigazzjoni. Ma huwiex permess li ssir ritrattazzjoni, u r-restawr ta' stat preċedenti jkun permess biss meta tkun inqabżet l-iskadenza għall-preżentata ta' appell jew ta' oġġezzjoni.

---

■ L-aħħar aġġornament: 28/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.